VERŻJONI ELETTRONIKA

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 19,548, 18 ta' Marzu, 2016
Taqsima B

A.L. 92 tal-2016

ORDINANZA DWAR IL-KUMMISSARJU TA' L-ARTIJIET (KAP. 169)

Ordni tal-2016 dwar il-Kummissarju tal-Artijiet (Trasferiment ta' Drittijiet u Responsabbiltajiet) (Ordni Nru. 2)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 2 tal-Ordinanza dwar il-Kummissarju tal-Artijiet, il-President ta' Malta għamlet dan l-ordni li ġej:-

Titolu.

1. It-titolu ta' dan l-Ordni hu l-Ordni tal-2016 dwar il-Kummissarju tal-Artijiet (Trasferiment ta' Drittijiet u Responsabbiltajiet) (Ordni Nru. 2).

Art specifikata.

2. L-art deskritta fl-artikolu 4 ta' dan l-Ordni hija b'dan speċifikata għall-finijiet tal-artikolu 2 tal-Ordinanza dwar il-Kummissarju tal-Artijiet.

Jum stabbilit.

Kap. 455.

3. Id-drittijet u responsabbiltajiet rigward l-art speċifikata fl-artikolu 4 ta' din l-Ordni għandhom b'seħħ mill-1 ta' Diċembru 2015 jitqiesu li ma baqgħux jitwetqu mill-Kunsill Malti għall-Isport stabbilit permezz tal-Att dwar l-Isport u ġew trasferiti lura lill-Kummissarju tal-Artijiet kif previst fl-imsemmi artikolu 2 tal-Ordinanza.

Deskrizzjoni.

4. L-art imsemmija fl-artikolu 2 ta' din l-Ordni tikkonsisti f'bicca art, ġewwa Għajn Dwieli, Paola, registrata b'numru ta' Proprjetà E26998 u li tidher immarkata fuq pjanta P.D. 2012_894, liema pjanta ġiet meħmuża mal-Avviż Legali 450 tal-2012.